# Kelma tal-Ħajja

MEJJU 2025
ĦARĠA 5

movimento
tal-fokolari

www.focolaremalta.org

## "Mulej, int taf kollox, inti taf li nħobbok" (*Ġw* 21, 17).

L-aħħar kapitlu tal-Vanġelu ta' San Ġwann jeħodna lejn il-Galilija, fejn wara l-mewt ta' Ġesù, Pietru, Ġwanni u d-dixxipli l-oħra kienu reġgħu lura għax-xogħol tagħhom ta' sajjieda. Wara lejl jistagħdu fl-għadira ta' Tiberija, dakinhar sfortunatament ma kienu qabdu xejn.

Ġesù mqajjem mill-mewt reġa' dehrilhom hemmhekk; ħeġġiġhom biex jerġgħu jkalaw ix-xbiek fil-baħar, u din id-darba qabdu ħafna ħut. Imbagħad stedinhom biex jieklu xi ħaġa flimkien fuq ix-xatt. Pietru u l-oħrajn għarfu li kien il-Mulej, imma ma kellhom il-ħila jgħidulu xejn.

Ġesù ħa l-inizzjattiva, dar fuq Pietru u għamillu mistoqsija impenjattiva ħafna: "Xmun, bin Ġwanni, tħobbni int aktar minn dawn?". Kien mument mill-aktar solenni: Ġesù sejjaħ lil Pietru[1] u għal tliet darbiet talbu jirgħa l-ħrief tiegħu, li hu stess hu r-Ragħaj[2] tagħhom.

**"Mulej, int taf kollox, inti taf li nħobbok"**

Pietru jaf li kien ċaħad lil Ġesù, imma din l-esperjenza iebsa ma ħallitux iwieġeb iva għall-mistoqsija li għamillu. B'umiltà wieġbu: "Inti taf li nħobbok".

Kemm damu jitkellmu, Ġesù la semma' ċ-ċaħda u lanqas l-iżball li Pietru kien għamel. Kellmu b'mod li seta' jifhmu, u ried jurih ħbiberija li tmiss lil qalbu u tfejjaq il-ġerħa li kellu. Hu talbu biss rabta ta' fiduċja sħiħa.

Minn fomm Pietru toħroġ stqarrija li fiha jammetti li hu dgħajjef, imma fl-istess ħin juri fiduċja bla tarf fl-imħabba tal-Imgħallem u l-Mulej:

**"Mulej, int taf kollox, inti taf li nħobbok"**

Ġesù jagħmel l-istess mistoqsija lilna wkoll: inti tħobbni? Trid insiru ħbieb?

Hu jaf kollox: jaf bid-doni li tana huwa stess; jaf ukoll in-nuqqas ta' ħila u l-ġrieħi tagħna, li xi drabi jnixxu d-demm. Madankollu, hu jġedded il-fiduċja tiegħu, mhux fil-ħila tagħna imma fil-ħbiberija miegħu.

F'din il-ħbiberija, Pietru jerġa' jsib il-kuraġġ li jagħti xhieda għal Ġesù, sa ma ħalla ħajtu għalih.

"Jiġrilna li xi drabi nħossuna dgħajfa, frustrati, u nibdew naqtgħu qalbna: (...) meta naraw kollox ġej kontrina, meta ngħaddu minn sitwazzjonijiet ta' tbatija, mard, mwiet, provi spiritwali, nuqqas ta' ftehim, tentazzjonijiet, fallimenti (...) Meta nħossu li m'aħniex kapaċi negħlbu ċerti provi li jkunu qed ikissruna fir-

ruħ u fil-ġisem, u meta nagħrfu li ma nistgħux inserrħu fuq il-ħila tagħna, propju hemmhekk insibu ruħna fis-sitwazzjoni li rridu nafdaw biss f'Alla. U hawn jidħol hu meta jara din il-fiduċja tagħna fih. U hu jagħmel ħwejjeġ kbar, li jkunu jidhru akbar propju għax ikunu ħerġin miċ-ċokon tagħna" [3].Fil-ħajja tagħna ta' kuljum nistgħu npoġġu ruħna quddiem Alla kif aħna u nitolbu l-ħbiberija tiegħu, li tfejjaqna. Meta nintelqu b'fiduċja sħiħa fil-ħniena tiegħu, aħna nkunu nistgħu nidħlu f'relazzjoni intima mal-Mulej u nkomplu mixjin fit-triq tagħna miegħu.

**"Mulej, int taf kollox, inti taf li nħobbok".**

Din il-Kelma tal-ħajja tista' wkoll issir it-talba personali tagħna, it-tweġiba tagħna li biha nintelqu għal kollox f'Alla bil-ftit forzi tagħna, u nirringrazzjawh għas-sinjali li tagħtina mħabbtu:

"(...) Inħobbok, għax inti dħalt f'ħajti iżjed mill-arja fil-pulmuni tiegħi, iżjed mid-demm li għandi jiġri fil-vini tiegħi. Inti dħalt fejn ħadd ma kellu l-ħila jidħol, meta ħadd ma seta' jgħinni, kull darba li ħadd ma seta' jfarraġni. (...) Agħmel li matul iż-żmien li għad fadalli ngħix, inkun xi ftit aktar grata lejk, għal din l-imħabba li inti xerridt fuqi, u li ġegħlitni ngħidlek: InħobboK" [4].

Nistgħu nitgħallmu kif iħobb Ġesù, anki fir-relazzjonijiet tagħna fil-familja, fis-soċjetà u fil-knisja: inħobbu 'l kulħadd, inkunu aħna li nħobbu l-ewwel, "naħslu saqajn"[5] ħutna, l-aktar ta' dawk li huma ċkejknin u dgħajfin. Imbagħad nitgħallmu wkoll nilqgħu 'l kulħadd b'umiltà u sabar, bla ma niġġudikaw, lesti li nitolbu l-maħfra u li nilqgħu l-maħfra, biex hekk nifhmu flimkien kif irridu nimxu qrib xulxin f'ħajjitna.

Letizia Magri u t-tim tal-Kelma tal-Ħajja

**1: Ara *Mt* 16, 18-19.**

**2: *Ġw* 10, 14.**

**3: C. Lubich, Kelma tal-Ħajja Lulju 2000, mill-ktieb, Kliem il-Ħajja, ta' di Fabio Ciardi, (*Opere di Chiara Lubich 5*), Città Nuova, Roma, 2017, pġ. 629.**

**4: *Gratitudine*, C. Lubich, *La dottrina spirituale*, Mondadori 2001, pġ. 176.**

**5: Ara *Ġw* 13, 14.**

**ĊENTRU TAL-MOVIMENT TAL-FOKOLARI**
18, 'Stellaelise',
Triq il-Ħuttaf,
Kappara
T. 21 385 801
E. focolare.malta@outlook.com

**www.focolaremalta.org**